

# Opinjoni tal-Bord (Artikolu 64)



Opinjoni tal-Bord (Artikolu 64)

## **Opinjoni 19/2018**

**dwar l-abbozz tal-lista tal-awtorità superviżorja kompetenti tar-Rumanija  
rigward**

**l-operazzjonijiet ta' pproċessar soġġetti għar-rekwiżit ta' valutazzjoni tal-  
impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* (l-Artikolu 35(4) tal-GDPR)**

**Adottata fil-25 ta' Settembru 2018**

Translations proofread by EDPB Members.

This language version has not yet been proofread.

## Werrej

1. Sommarju tal-Fatti .....	4
2. Valutazzjoni.....	5
2.1 Raġunament ġenerali tal-EDPB rigward il-lista ppreżentata.....	5
2.2 Applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' konsistenza għall-abbozz tal-lista .....	6
2.3 Analiżi tal-abbozz tal-lista.....	6
In-natura indikattiva tal-lista .....	6
Referenza għal-Linji Gwida .....	6
<i>Data</i> bijometrika .....	6
<i>Data</i> ġenetika.....	7
Monitoraġġ tal-impjegati.....	7
Ipproċessar bl-użu ta' teknoloġija ġdida / innovattiva .....	7
3. Konklużjonijiet / Rakkomandazzjonijiet.....	7
4. Kummenti tal-aħħar.....	8

## Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 63, l-Artikolu 64(1)(a), minn (3) sa (8) u l-Artikolu 35(1), (3), (4), (6) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (minn hawn 'il quddiem il-“GDPR” - Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data),

Wara li kkunsidra l-Ftehim ŻEE u b'mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendati bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018,

Wara li kkunsidra l-Artikoli 10 u 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu tal-25 ta' Mejju 2018,

Billi:

(1) Ir-rwol ewlieni tal-Bord huwa li jiżgura l-applikazzjoni konsistenti tar-Regolament 2016/679 (minn hawn 'il quddiem il-“GDPR”) fiż-Żona Ekonomika Ewropea kollha. F'konformità mal-Artikolu 64(1) tal-GDPR, il-Bord għandu joħroġ opinjoni meta awtorità superviżorja jkun biħsiebha tadotta lista ta' operazzjonijiet ta' pproċessar soġġetti għar-rekwiżit ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 35(4) tal-GDPR. L-għan ta' din l-opinjoni huwa, għalhekk, li jinholq approċċ armonizzat fir-rigward tal-ipproċessar, li jkun transfruntier jew li jista' jaffettwa l-moviment ħieles tad-*data* personali jew ta' persuna fiżika fl-Unjoni Ewropea kollha. Għalkemm il-GDPR ma jimponix li jkun hemm lista unika, huwa jipromwovi l-konsistenza. Il-Bord jipprova jikseb dan il-għan fl-opinjoni tiegħu, l-ewwel nett billi jitlob lill-SAs jinkludu xi tipi ta' pproċessar fil-listi tagħhom, it-tieni billi jitlobhom ineħħu xi kriterji li l-Bord ma jikkunsidrax bħala li neċessarjament joħolqu riskji kbar għas-suġġetti tad-*data*, u fl-aħħar nett billi jitlobhom jużaw xi kriterji b'mod armonizzat.

(2) B'referenza għall-Artikolu 35(4) u (6) tal-GDPR, l-awtoritajiet superviżorji kompetenti għandhom jistabbilixxu listi tat-tip ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li huma soġġetti għar-rekwiżit ta' valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* (minn hawn 'il quddiem id-“DPIA” - *data* protection impact assessment). Huma għandhom, madankollu, japplikaw il-mekkaniżmu ta' konsistenza meta listi bħal dawn ikunu jinvolvu operazzjonijiet ta' pproċessar li jkunu relatati mal-offerta ta' oġġetti jew servizzi lis-suġġetti tad-*data* jew mal-monitoraġġ tal-imġiba tagħhom f'diversi Stati Membri, jew jistgħu jaffettwaw sostanzjalment il-moviment ħieles tad-*data* personali fi ħdan l-Unjoni.

(3) Filwaqt li l-abbozzi tal-listi tal-awtoritajiet superviżorji kompetenti huma soġġetti għall-mekkaniżmu ta' konsistenza, dan ma jfissirx li jenħtieġ li l-listi jkunu identiċi. L-awtoritajiet superviżorji kompetenti għandhom marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-kuntest nazzjonali jew reġjonali u jenħtieġ li jqisu l-leġiżlazzjoni lokali tagħhom. L-għan tal-valutazzjoni /

opinjoni tal-EDPB mhuwiex li tinkiseb lista unika tal-UE, iżda pjuttost li jiġu evitati inkonsistenzi sinifikanti li jistgħu jaffettwaw il-protezzjoni ekwivalenti tas-suġġetti tad-*data*.

(4) It-twettiq ta' DPIA huwa mandatorju biss għall-kontrollur skont l-Artikolu 35(1) tal-GDPR, meta l-ipproċessar "x'aktarx jirriżulta f'livell għoli ta' riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi". L-Artikolu 35(3) tal-GDPR juri dak li x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli. Din hija lista mhux eżawrjenti. Fil-Linji Gwida dwar il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data*<sup>1</sup>, kif approvati mill-EDPB<sup>2</sup>, il-Grupp ta' Ħidma 29 iċċara l-kriterji li jistgħu jgħinu jidentifikaw meta l-operazzjonijiet ta' pproċessar ikunu soġġetti għar-rekwiżit ta' DPIA. Il-Linji Gwida WP248 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 jiddikjaraw li, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, kontrollur tad-*data* jista' jqis li pproċessar li jissodisfa żewġ kriterji jkun jeħtieġ li titwettaq DPIA. Madankollu, f'xi każijiet, kontrollur tad-*data* jista' jqis li pproċessar li jissodisfa wieħed biss minn dawn il-kriterji jkun jeħtieġ DPIA.

(5) Il-listi prodotti mill-awtoritajiet superviżorji kompetenti jappoġġaw l-istess objettiv biex jidentifikaw operazzjonijiet ta' pproċessar li x'aktarx jirriżultaw f'riskju għoli u operazzjonijiet ta' pproċessar li għalhekk jeħtieġu DPIA. Bħala tali, jeħtieġ li jiġu applikati l-kriterji żviluppati fil-Linji Gwida tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 meta jiġi vvalutat jekk l-abbozzi tal-listi tal-awtoritajiet superviżorji kompetenti jostakolawx l-applikazzjoni konsistenti tal-GDPR.

(6) Tnejn u għoxrin awtorità superviżorja kompetenti ppreżentaw l-abbozzi tal-listi tagħhom lill-EDPB. Valutazzjoni globali ta' dawn l-abbozzi tal-listi tappoġġa l-objettiv ta' applikazzjoni konsistenti tal-GDPR, minkejja li minħabba f'hekk tiżdied il-kumplessità tas-suġġett.

(7) L-opinjoni tal-EDPB għandha tiġi adottata skont l-Artikolu 64(3) tal-GDPR b'rabta mal-Artikolu 10(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-EDPB fi żmien tmien ġimgħat mill-ewwel jum tax-xogħol wara li l-President u l-awtorità superviżorja kompetenti jkunu ddeċidew li l-fajl huwa komplut. B'deċiżjoni tal-President, dan il-perjodu jista' jiġi estiż b'sitt ġimgħat addizzjonali, meta titqies il-kumplessità tas-suġġett.

## **ADOTTA L-OPINJONI:**

### **I. Sommarju tal-Fatti**

L-Autoritatea Națională de Supraveghere a Prelucrării Datelor cu Caracter Personal (minn hawn 'il quddiem l-Awtorità Superviżorja Rumena) ippreżentat l-abbozz tal-lista tagħha lill-EDPB. Id-deċiżjoni dwar il-kompletezza tal-fajl ittieħdet fil-10 ta' Lulju 2018. Il-perjodu li fih l-opinjoni għandha tiġi adottata ġie estiż sal-25 ta' Settembru filwaqt li tqiesu l-kumplessità

---

<sup>1</sup> WP29, Linji Gwida dwar il-Valutazzjoni tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-*Data* u li jiddeterminaw jekk l-ipproċessar "x'aktarx jirriżulta f'riskju għoli" għall-finijiet tar-Regolament 2016/679 (WP 248 rev.01).

<sup>2</sup> EDPB, Approvazzjoni 1/2018.

tas-suġġett u l-fatt li 22 awtorità superviżorja kompetenti ppreżentaw l-abbozzi tal-listi fl-istess ħin u b'hekk saret meħtieġa valutazzjoni globali.

## 2. Valutazzjoni

### 2.1 Raġunament Ġenerali tal-EDPB rigward il-lista ppreżentata

Kull lista ppreżentata lill-EDPB ġiet interpretata bħala li tkompli tispeċifika l-Artikolu 35(1), li se jipprevali fi kwalunkwe każ. B'hekk, l-ebda lista ma tista' tkun eżawrjenti. Peress li l-lista ppreżentata mill-Awtorità Superviżorja Rumena ma tirreferix espliċitament għal dan, il-Bord jitlob li din l-ispjegazzjoni tiġi inkluża fid-dokument li fih il-lista.

F'konformità mal-Artikolu 35(10) tal-GDPR, il-Bord huwa tal-fehma li jekk DPIA tkun diġà twettqet bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt ġenerali fil-kuntest tal-adozzjoni tal-bażi ġuridika, l-obbligu li titwettaq DPIA skont il-paragrafi minn 1 sa 7 tal-Artikolu 35 tal-GDPR ma japplikax, sakemm l-Istat Membru ma jqishiex neċessarja.

Barra minn hekk, jekk il-Bord jitlob DPIA għal ċerta kategorija ta' pproċessar, u d-dritt nazzjonali diġà jipprevedi miżura ekwivalenti, l-Awtorità Superviżorja Rumena għandha żżid referenza għal din il-miżura.

F'din l-opinjoni mhumiex ikkunsidrati l-entrati ppreżentati mill-Awtorità Superviżorja Rumena, li tqiesu li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 35(6) tal-GDPR. Dan jirreferi għal entrati li la għandhom x'jaqsmu "mal-offerta ta' oġġetti jew servizzi lis-suġġetti tad-*data*" f'diversi Stati Membri u lanqas mal-monitoraġġ tal-imġiba ta' suġġetti tad-*data* f'diversi Stati Membri. B'mod addizzjonali, mhuwiex probabbli li "jaffettwaw sostanzjalment il-moviment ħieles tad-*data* personali fi ħdan l-Unjoni". Dan huwa b'mod speċjali l-każ għal entrati relatati mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u b'mod partikolari meta l-obbligu li titwettaq DPIA jkun stipulat fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet ta' pproċessar kollha li għandhom x'jaqsmu mal-infurzar tal-liġi ma ġewx ikkunsidrati, peress li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR.

Il-Bord innota li diversi awtoritajiet superviżorji inkludew fil-listi tagħhom xi tipi ta' pproċessar li neċessarjament huma pproċessar lokali. Peress li l-Artikolu 35(6) jikkonċerna biss l-ipproċessar transfruntier u l-ipproċessar li jista' jaffettwa l-moviment ħieles tad-*data* personali u tas-suġġetti tad-*data*, il-Bord mhux se jikkummenta dwar dan l-ipproċessar lokali.

L-opinjoni għandha l-għan li tiddefinixxi qalba konsistenti ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li jkunu rikorrenti fil-listi pprovduti mill-awtoritajiet superviżorji.

Dan ifisser li, għal għadd limitat ta' tipi ta' operazzjonijiet ta' pproċessar, li se jiġu ddefiniti b'mod armonizzat, l-Awtoritajiet Superviżorji kollha se jitolbu li titwettaq DPIA u l-Bord se jirrakkomanda lill-SAs jemendaw il-listi tagħhom skont dan biex jiżguraw il-konsistenza.

Jekk din l-opinjoni ma tindirizzax ċerti DPIAs li huma elenkati fil-lista ppreżentata, dan ikun ifisser li l-Bord mhuwiex qed jitlob lill-Awtorità Superviżorja Rumena tiegħu azzjoni ulterjuri.

Fl-aħħar nett, il-Bord ifakkar li t-trasparenza hija kruċjali għall-kontrolluri tad-*data* u għall-proċessuri tad-*data*. Sabiex jiċċara l-entrati fil-lista, il-Bord huwa tal-opinjoni li referenza espliċita fil-listi, għal kull tip ta' pproċessar, għall-kriterji stabbiliti fil-linji gwida, tista' ttejjeb din it-trasparenza. Għaldaqstant, il-Bord huwa tal-fehma li mal-lista tista' tiżdied spjegazzjoni dwar il-kriterji meqjusa mill-Awtorità Superviżorja Rumena waqt il-ħolqien tal-lista.

## 2.2 Applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' konsistenza għall-abbozz tal-lista

L-abbozz tal-lista ppreżentat mill-Awtorità Superviżorja Rumena huwa marbut mal-offerta ta' oġġetti jew servizzi lis-suġġetti tad-*data* jew mal-monitoraġġ tal-imġiba tagħhom f'diversi Stati Membri u / jew jista' jaffettwa sostanzjalment il-moviment ħieles tad-*data* personali fi ħdan l-Unjoni, primarjament minħabba li l-operazzjonijiet ta' pproċessar fl-abbozz tal-lista ppreżentat mhumiex limitati għal suġġetti tad-*data* f'dan il-pajjiż.

## 2.3 Analiżi tal-abbozz tal-lista

Meta jitqies li:

- L-Artikolu 35(1) tal-GDPR jitlob DPIA meta l-attività ta' pproċessar x'aktarx tirriżulta f'riskju għoli għad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi; kif ukoll
- L-Artikolu 35(3) tal-GDPR jipprovdi lista mhux eżawrjenti tat-tipi ta' pproċessar li jeħtieġ DPIA,

il-Bord huwa tal-opinjoni li:

### IN-NATURA INDIKATTIVA TAL-LISTA

Peress li l-lista ppreżentata mill-Awtorità Superviżorja Rumena ma tirreferix espliċitament għall-fatt li l-lista mhijiex eżawrjenti, il-Bord jitlob li din l-isjegazzjoni tiġi inkluża fid-dokument li fih il-lista.

### REFERENZA GĦAL-LINJI GWIDA

Il-Bord huwa tal-fehma li l-analiżi li saret fil-Linji Gwida WP 248 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 huma element ewlieni biex tiġi żgurata l-konsistenza fl-Unjoni kollha. B'hekk, huwa jitlob lill-Awtoritajiet Superviżorji differenti jżidu dikjarazzjoni mad-dokument li jinkludi l-lista tagħhom, li tiċċara li l-lista tagħhom hija bbażata fuq dawn il-linji gwida u li hija tikkomplementa u tkompli tispeċifika l-linji gwida.

Peress li d-dokument tal-Awtorità Superviżorja Rumena ma fihx tali dikjarazzjoni, il-Bord jirrakkomanda lill-Awtorità Superviżorja Rumena temenda d-dokument tagħha skont dan.

### DATA BIJOMETRIKA

Fil-lista li ġiet ippreżentata mill-Awtorità Superviżorja Rumena għal opinjoni tal-Bord huwa previst li għall-ipproċessar ta' *data* bijometrika għall-iskop ta' identifikazzjoni b'mod uniku

ta' persuna fiżika, jew flimkien ma' mill-inqas kriterju wieħed ieħor, hija meħtieġa DPIA. Dwar dan il-punt, il-Bord jirrikonoxxi li l-lista hija konformi mal-għan li tintlaħaq konsistenza.

#### DATA ĠENETIKA

Fil-lista li ġiet ippreżentata mill-Awtorità Superviżorja Rumena għal opinjoni tal-Bord huwa previst li għall-ipproċessar ta' *data* ġenetika, flimkien ma' mill-inqas kriterju wieħed ieħor, hija meħtieġa DPIA. Il-Bord huwa tal-fehma li l-ipproċessar ta' *data* ġenetika waħdu mhux neċessarjament ta' natura li jirrappreżenta riskju għoli. Madankollu, jekk l-ipproċessar ta' *data* ġenetika jitwettaq flimkien ma' mill-inqas kriterju wieħed ieħor tkun meħtieġa DPIA. Il-Bord jinnota l-inklużjoni ta' dan il-kriterju fil-lista tal-Awtorità Superviżorja Rumena.

#### MONITORAĠĠ TAL-IMPJEGATI

Il-Bord huwa tal-fehma li minħabba n-natura speċifika tiegħu, l-ipproċessar għall-monitoraġġ tal-impjegati, peress li jissodisfa l-kriterju ta' suġġetti tad-*data* vulnerabbli u ta' monitoraġġ sistematiku fil-linji gwida, jista' jkun jirrikjedi DPIA. Peress li l-lista ppreżentata mill-Awtorità Superviżorja Rumena għal opinjoni tal-Bord diġà tipprevedi li dan it-tip ta' pproċessar jirrikjedi valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data*, il-Bord jirrakkomanda biss li ssir referenza espliċita għaż-żewġ kriterji tal-Linji Gwida WP248 tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29. Barra minn hekk, il-Bord huwa tal-fehma li l-Linji Gwida WP249 tal-Grupp ta' Hídma tal-Artikolu 29 jibqgħu validi għad-definizzjoni tal-kunċett ta' pproċessar sistematiku ta' *data* dwar l-impjegati.

#### IPPROĊESSAR BL-UŻU TA' TEKNOLOĠIJA ĠDIDA / INNOVATTIVA

Fil-lista li ġiet ippreżentata mill-Awtorità Superviżorja Rumena għal opinjoni tal-Bord huwa previst li għall-ipproċessar ta' *data* ġenetika, flimkien ma' mill-inqas kriterju wieħed ieħor, hija meħtieġa DPIA. Il-Bord jinnota l-inklużjoni ta' dan il-kriterju fil-lista.

### 3. Konklużjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

L-abbozz tal-lista tal-Awtorità Superviżorja Rumena jista' jwassal għal applikazzjoni inkonsistenti tar-rekwiżit biex issir DPIA u hemm bżonn isiru l-bidliet li ġejjin:

- ) Rigward in-natura indikattiva tal-lista: il-Bord jitlob li mad-dokument li fih il-lista tiżdied spjegazzjoni li tkun tirreferi għan-natura mhux eżawrjenti tagħha.
- ) Rigward ir-referenza għal-linji gwida: il-Bord jitlob lill-Awtorità Superviżorja Rumena temenda d-dokument tagħha skont dan.
- ) Rigward il-monitoraġġ fuq il-post tax-xogħol: il-Bord jirrakkomanda biss li ssir referenza espliċita għaż-żewġ kriterji tal-Linja Gwida WP248 tal-Grupp ta' Hídma WP29.

## 4. Kummenti tal-aġġar

Din l-opinjoni hija indirizzata lill-Autoritatea Națională de Supraveghere a Prelucrării Datelor cu Caracter Personal (l-Awtorità Superviżorja Rumena) u se tiġi ppubblikata skont l-Artikolu 64(5)(b) tal-GDPR.

Skont l-Artikolu 64(7) u (8) tal-GDPR, l-awtorità superviżorja għandha tikkomunika lill-President, permezz ta' mezzi elettroniċi fi żmien ġimagħtejn wara li tirċievi l-opinjoni, jekk hijiex se temenda jew iżżomm l-abbozz tal-lista tagħha. Fi żmien l-istess perjodu, hija għandha tipprovdi l-abbozz tal-lista emendat jew, meta ma jkollhiex ħsieb issegwi l-opinjoni tal-Bord, hija għandha tipprovdi r-raġunijiet rilevanti għaliex mhux biħsiebha ssegwi din l-opinjoni, b'mod sħiħ jew parzjalment.

Għall-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Il-President

(Andrea Jelinek)